MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 12/2014

**Multi Packaging Limited (C158)**

**vs**

**Mary Rose Pace f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' binha minuri Isaac Bajada u David Bajada, kemm personalment u kemm fil-kwalità taghhom ta' eredi ta' Adrian Bajada**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Mary Rose Pace f'isimha proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' binha minuri Isaac Bajada, u ta' David Bajada li, ghar-ragunijiet hemm premessi talbu lil din il-Qorti:

Illi permezz ta' rikors datat id-9 ta' Awwissu 2013, is-socjetà ntimata Multi Packaging Limited talbet u ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-numru 1192/2013 kontra l-esponenti fl-ammont ta' miljun, disa mija u erbghin elf seba' mija u wiehed u sittin euro u sebgha u tmenin centezmi [€1,940,761.87c] u bil-kawzali "Ammont dovut mill-intimati fil-kwalità taghhom ta' eredi ta' Adrian Bajada u rapprezentanti flus misapproprjati u mehuda illegalment u indebitament mill-imsemmi Adrian Bajada ghad-dannu tas-socjetà esponenti, fi zmien li fih Adrian Bajada kien jokkupa l-kariga ta' direttur", liema mandat gie servut fuq xejn anqas minn mitejn u wiehed u ghoxrin sekwestratarji (Ara. Dok. "A" hawn unit).

Illi l-mandat "de quo" m'ghandux jinzamm fis-sehh mhux tant fil-konfront ta' l-assi tal-mejjet Adrian Bajada ghalkemm ghad iridu jsiru verifiki intensivi taht l-Awtorità ta' dina l-Onorabbli Qorti ghaliex dawn l-allegazzjonijiet saru konvenjentement biss wara li Adrian Bajada gie nieqes u jrid jigi skrutinat jekk Adrian Bajada kienx "cover-up" ghall-istess kumpanija Multi Packaging Limited biex tigi evaza t-taxxa ghax huwa mpossibbli li Direttur japproprja ruhu dawn il-flus kollha minghajr hadd ma jinduna, izda ma ghandux jinzamm fis-sehh fil-konfront ta' l-esponenti Mary Rose Pace pro et noe et u dana ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Illi s-socjetà ntimata tinsab kawtelata mhux biss bil-hrug ta' mandat ta' sekwestru fuq imsemmi, izda anki bil-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 1193/2013 fuq il-proprjetà mmobiljari tad-decujius u cioe' (a) il-Villa "Liberty", fi Triq Birguma, San Pawl tat-Targa, l/o Naxxar,

(b) il-garage fuq wara tal-villa "Liberty", u (c) l-arja sovrastanti l-imsemmi garage (Ara Dok. "B" hawn unit), u kif ukoll bil-hrug ta' Mandat ta' Qbid numru 1194/2013 fuq il-vetturi, azzjonijiet, u ghamara kollha li kien hemm fid-dar "Liberty", 6, Triq Birguma, Naxxar, fejn kien jghix l-istess Adrian Bajada (Ara Dok. "C" hawn unit).

2. Illi l-esponenti bhala eredi prezuntivi tal-mejjet Adrian Bajada ghadhom ma accettawx l-eredità tad-decujius Adrian Bajada hlief bil-beneficcju ta' l-inventarju (Ara Dok. "D" hawn unit).

3. Illi l-Mandat ta' Sekwestru "de quo" fil-konfront ta' l-esponenti qed ikollu l-effett illi ipparalizzahom mill-hajja normali taghhom. Hekka:

(i) Mary Rose Pace u binha David Bajada ma jistghux ikollhom depoziti fil-bank, ma jistghux ikollhom "credit card", u ma jistghu jiehu l-ebda facilità bankarja. L-esponent David Bajada li kien intenzjonat li jixtri proprjetà immobiljarji u kontestwalment jiehu facilità mill-bank kellu jabbanduna konvenju li kellu gia' ffirmat ma' terzi.

(ii) Il-ftit flus (€698.54c) li l-esponent David Bajada kellu depozitat fl-HSBC Bank Malta p.l.c. u li kienu provenjenti mill-paga tieghu fl-impjieg tieghu mas-socjetà ntimata (Ara Dok. "E" hawn unit) – sakemm ma giex imkecci bla ebda raguni valida fil-ligi ghax ma accettax li jirrizenja, fuq dak li allegat il-kumpanija li qalet li saret taf fuq missieru Adrian Bajada, kontra l-hlas tas-somma ta' €1,700 bhala terminal benefit li offrietlu l-istess Kumpanija apparti l-paga dovuta, bil-kaz allura jispicca quddiem it-Tribunal Industrijali – giet ukoll issekwestrata u depozitata l-Qorti (Ara Dok. "F" hawn unit); l-istess bhal ma gara bil-ftit flus (€510.27c) li kellu fil-Bank of Valletta din giet ukoll issekwestrata u depozitata fir-Registru tal-Qorti (Ara Dok. "G" hawn unit).

(iii) Il-flus li David Bajada kien intitolat ghalihom mis-Sigurtà Socjali bhala beneficcju tal-mard (Ara Dok. "H" hawn unit) u li skond in-norma gew iddepozitati l-Bank gew ukoll issekwestrati.

(iv) L-ispejjez ta' operazzjoni u kura medika li David Bajada nefaq minhabba mard u li kien intitolat ghar-rifuzjoni taghhom minghand l-Atlas Healthcare (Dok. "I") in forza ta' polza ta' assigurazzjoni fuq is-sahha giet ukoll issekwestrata u dana peress illi l-mandat ta' sekwestru gie anki servut fuq l-Atlas Insurance pcc Ltd (Ara Sekwestratarju numru 221).

4. Illi gie ritentut ripetutament mill-Qrati taghna illi l-mandati kawtelatorji ghandhom skop preciz u jridu jintuzaw biex jigu salvaguardati l-interessi ta' min jitlob il-hrug taghhom, u mhux biex jissikkaw il-pretiz debitur jew ghall-pika jew bi hsieb malizjuz iehor. Kreditur ghandu dritt jitlob il-hrug ta' kull mandat permess bil-ligi, pero ghandu jikkontrolla l-effetti taghhom hu stess u jekk nara li hu kopert aktar milli hu mehtieg, ghandu jirregola ruhu u jitlob hu stess it-tnaqqis jew thassir ta' xi mandat partikolari. Il-mandati ma ghandhomx jintuzaw bhala magna ta' estorsjoni, izda bid-debita prudenza, u l-abbuz jista' u ghandu, jigi sanzjonat bl-impozizzjoni ta' penali (Ara "Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et", PA/TM, 3 ta' Lulju 2003).

5. Illi ghandu jigi rilevat illi l-esponenti ma ghandhom l-ebda flejjes ohra hlief dawk li gew sekwestrati u depozitati (Ara Dok. "F" u "G" hawn uniti, u t-tnehhija tal-mandat ta' sekwestru fil-konfront ta' l-esponenti ser iservi biex wara l-mewt ta' Adrian Bajada u x-xokk ta' l-allegazzjonijiet tas-socjetà ntimata fil-konfront ta' l-istess Adrian Bajada, huma jistghu possibilment ikomplu bil-hajja normali taghhom. Imbaghad it-tnehhija tal-mandat ta' sekwestru fil-konfront taghhom ser iservi biex jizdiedu assi u mhux biex inaqqsu.

6. Illi huwa evidenti ghalhekk illi l-ammont mitlub fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1192/2013 fl-istess ismijiet premessi huwa fit-totalità tieghu jew fil-maggor parti tieghu ampjament kawtelat bil-hrug tal-Mandati ta' Qbid u Inibizzjoni fuq riferuti (Artikolu 836(1)(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), u/jew mhux "prima facie" gustifikat fil-konfront ta' l-esponenti (Artikolu 836(1)(d), u/jew fic-cirkostanzi ma hux ragonevoli li l-imsemmi mandat numru 1192/2013 jinzamm fis-sehh jew li ma huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli fil-konfront ta' l-esponenti (Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12).

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digrieti taghha li permezz taghhom giet ordnata n-notifika tar-rikors lill-Kontroparti u gie iffissat l-istess rikors ghas-smiegh.

Rat it-twegiba ta' Multi Packaging Limited u d-dokumenti maghha annessi.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti qed isejsu t-talbiet taghhom fuq il-provvedimenti tal-Art. 836 (1) (c), 836 (1) (d) u 836 (1) (f) li jipprovdu ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju meta:

> *"(c) jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjoni tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni; jew*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv; jew*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*

Dwar l-ewwel wahda minn dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tikkonsidra illi, ghalkemm huwa minnu illi ntalab u nhareg mandat ta' inibizzjoni li jolqot proprjetà mmobbli, ma ngabet lill-Qorti ebda valutazzjoni tal-istess hlief il-prezz li biha giet akkwistata originarjament, prezz dan li huwa baxx meta mqabbel mal-ammont tal-kreditu pretiz li huwa ingentissimu. Inoltre, jirrizulta illi l-proprjetà hija diga ipotekata biex tikkawtela krediti ohrajn. Fic-cirkostanzi, ghalhekk din il-Qorti ma tistax tqis li tezisti xi garanzija sufficjenti, galadarba li anki l-valur tal-mobbli lanqas biss jersaq biex ikopri l-ammont pretiz.

*"Il-procedura taht l-artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija intiza bhala procedura spedjenti, u fir-rikors promotorju hu mistenni li r-rikorrenti jelenka b'mod preciz x'inhi l-garanzija alternattiva, u l-valur u l-istat taghha, biex il-Qorti, wara li tisma' l-partijiet, tkun tista' tghaddi ghad-decizjoni taghha; altrimenti, dawn il-proceduri jintilfu f'bir bla qiegh ta' provi, bil-kawza titwal daqs jekk mhux aktar mill-kawza fil-meritu. Jekk debitur qed joffri proprjetà immobbli bhala garanzija ghandu, mar-rikors, jressaq deskrizzjoni u stima tal-proprjetà minn perit kwalifikat, ir-ricerki dwar trasferimenti u djun tal-istess debitur, u ta' lanqas, affidavit li fih d-debitur*

> *spjega l-istat tal-proprjetà u jikkonferma li mhux milquta b'xi drittijiet personali ta' terzi*[1]*. Minn dan kollu l-konvenuti m'ghamlu assolutament xejn."*

L-Art. 836 (d) imbaghad jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju meta l-ammont ma jkunx prima facie gustifikat jew eccessiv.

Il-Qorti tenfasizza li kull ezami fil-kuntest huwa essenzjalment limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn, bl-iskrutinju profond jibqa' rizervat ghall-Qorti meta tkun qed tistudja l-mertu tal-kawza. Il-jeddijiet "*prima facie*" tas-socjetà rikorrenti digà gew meqjusa fil-proceduri ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Il-Qorti ezaminat ukoll dawk l-atti u taqbel mal-konkluzjoni li waslet ghaliha dik il-Qorti.

Ghal dak li ghandu x'jaqsam mar-ragonevolezza tal-mandat, din il-Qorti tirreferi ghal dak li rriteniet fil-proceduri Associated Supplies Limited vs Joseph Mizzi (25 ta' Lulju 2003) u cioe' li kull mandat ovvjament jikkreja inkonvenjent lid-debitur; dan pero m'ghandux ixejjen id-dritt ta' kull kreditur li jikkawtela l-pretensjoni tieghu b'kull jedd li taghtih il-ligi.

Dejjem fl-ambitu tar-ragonevolezza, hija l-Qorti li trid izzomm il-bilanc bejn id-drittijiet taz-zewg partijiet. Kif digà ntqal aktar 'il fuq l-ammont pretiz mis-socjetà rikorrenti huwa tant importanti li jkun ferm difficli li jigu evitati nkonvenjenti, dan sakemm ma jkunx hemm rinunzja ghall-eredità tal-prezunt debitur. Mill-banda l-ohra, l-ammonti mizmuma fil-kontijiet tar-rikorrenti personalment huma tant zghar illi ftit ser

[1] Mule' Stagno et vs. Demicoli et, Prim'Awla, 2/2/2006.

jaffettwaw ir-rizultat ahhari anki kieku kellu jigi deciz li ghandhom ukoll ikopru d-dejn pretiz. F'dan il-kuntest il-Qorti tirreferi ghall-verbal tas-seduta tal-25 ta' Gunju 2014 fejn il-partijiet qablu li l-assi elenkati fin-nota msemmija jistghu jinhelsu mill-effetti tal-mandat.

Ir-rikorrenti qeghdin jitolbu li l-mandat ta' sekwestru jithassar fil-konfront taghhom. Fid-dawl tal-fuq espost, din it-talba ma tistax tintlaqa' galadarba ghadha m'hijiex deciza r-responsabbilità o meno taghhom bhala eredi tad-debitur prezunt, anki jekk l-accettazzjoni tal-eredità saret biss bil-beneficcju tal-inventarju.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba kontenuta fir-rikors tal-4 ta' Novembru 2013 b'dana pero illi l-mandat ta' sekwestru 1192/2013 m'ghandux jolqot il-kont bankarju HSBC Nru. 075-122184-050 f'isem Mary Rose Pace, il-kontijiet bankarju Bank of Valletta Nru. 074-131186-001 u Nru. 4001 6570856, it-tnejn f'isem David Bajada; kull beneficcju mill-polza ta' assikurazzjoni AXA PPP Healthcare Nru. 220722710001 f'isem David Bajada u l-polza numru 045 800730 001 f'isem Mary Rose Pace li tkopri ukoll lill-minuri Isaac Bajada.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------